TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 96/13 (JE).

Gerald u Jacqueline Buħaġiar

vs

Falcar Ltd.

Illum, 24 ta' Settembru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' talba tal-atturi tad-29 ta' Jannar 2013 fejn stqarru illi fil-11 ta' Awwissu 2012 kienu marru għand is-soċjetà konvenuta biex tagħmlilhom dashmat. Dan id-dashmat beda jinqala minn kullimkien u wara li l-atturi lmentaw diversi drabi, is-soċjetà konvenuta ddeċidiet illi taqla' l-istickers illi kienet waħlet biex iżżomm id-dashmat. Madankollu, il-kolla tal-istickers ma marrietx mid-dashboard u mill-parti ta' quddiem u meta ppruvaw ineħħuha bil-gomma, instelaħ fejn kien hemm il-kolla. Dana ġie rikonoxxut minn min kien qiegħed iwettaq ix-xogħol. Parti minn fejn tqaxxar l-ispray ġiet mibdula u parti oħra kellha tinbidel mis-soċjetà konvenuta imma sal-lum għadha ma nbidlietx. Is-soċjetà konvenuta talbet lill-atturi sabiex ibiddlu d-dashboard u l-bieba ta' quddiem spejjeż tagħhom u kontra kumpens żgħir imma huma m'aċċettawx u peress illi si tratta minn karozza ġdida, qed jitolbu illi l-karozza terġa tiġi għall-istat oriġinali tagħha.

Ra illi s-soċjetà konvenuta, debitament innotifikata, ma daħlietx risposta.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi rriżulta fil-kors tal-produzzjoni tal-provi illi s-soċjetà konvenuta għamlet bosta sforzi sabiex tirrimedja l-ilmenti tal-atturi. Illi jidher illi l-atturi kienu jindikaw illi kienu sodisfatti wara l-intervent oriġinali tas-soċjetà konvenuta imma sussegwentement, kienu qanqlu xi lment ulterjuri. Illi jidher ukoll illi l-kwistjoni oriġinat wara illi s-soċjetà konvenuta talbet konferma mingħand l-atturi illi t-tiswijiet ulterjuri illi kienet ser tagħmel minħabba l-ilment ġdid tal-atturi kienu jindirizzaw il-lamenteli tagħhhom definitivament. Madankollu, l-atturi rrifjutaw illi jagħtu dina d-dikjarazzjoni minkejja illi s-soċjetà konvenuta infurmathom illi kienet ipprokurat il-part in kwistjoni.

Illi t-Tribunal dejjem għamilha ċara illi d-drittijiet tal-konsumaturi ma humiex illimitati u fi kwalunkwe każ, huma obbligati illi jillimitaw id-danni reklamati. Illi l-atturi m'hux biss naqsu illi

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

jippruvaw il-każ tagħhom fil-grad mitlub mil-liġi imma ma tawx raġuni kompellenti għala ma aċċettawx il-proposta tas-soċjetà konvenuta. L-anqas ma jista' t-Tribunal jaċċetta illi minħabba dan id-diżgwid bejn il-partijiet, l-atturi jirreklamaw l-ispejjeż sħaħ ta' dashboard ġdid li mingħand l-aġent jiswa € 894.24 minħabba l-allegati tbajja illi tħallew fid-dashboard tal-atturi, liema tbajja s-soċjetà konvenuta affermat illi kienu ser jitneħħew jekk il-part illi kienet ordnat kienet ser titpoġġa fil-karozza tal-atturi.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talbiet attriċi u qed jiċħadhom. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.